SANTA LUĊIJA

**RAPPORT AMMINISTRATTIV**

**ĦIDMA U ATTIVITAJIET TAL-KUNSILL TA' SANTA LUĊIJA MATUL IS-SENA 2019**

Dan ir-rapport amministrattiv ikopri l-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2019 u l-31 ta' Diċembru 2019 u jagħti rendikont tal-ħidma tal-Kunsill matul il-perjodu msemmi.

# 1 PROĠETTI

## 1.1 *KISI TA' TOROQ*

### *1.1.1 Għoti mill-ġdid ta' Tarmak – Triq il-Ġiżimin*

Din is-sena Infrastructure Malta fi ħdan il-Ministeru għat-Transport u Infrastruttura wettqet xogħol ta' kisi mill-ġdid ta' tarmak fi Triq Ġiżimin. Dan il-proġett kien jinkludi wkoll bankini ġodda f'din l-istess triq. Sa l-aħħar ta' din is-sena saru l-arranġamenti meħtieġa biex fl-ewwel xahar tas-sena 2020 seta jibda x-xogħol ta' kisi mill-ġdid ta' tarmak fi Triq Żnuber. Il-Kunsill huwa infurmat uffiċjalment li Infrastructure Malta ser tkun qed twettaq xogħol ta' kisi ta' toroq fi Triq il-Gardenja u fi Triq Bruka.

### *1.1.2 Kisi ta' Toroq f'Wied Garnaw*

Din is-sena tlesta l-proġett ta' kisi ta' żewġ toroq rurali f'Wied Garnaw. Dan il-proġett sar minn fondi tal-Unjoni Ewropea taħt il-Miżura 4.3. Il-Kunsill ħareġ ko-finanzjament ta' 10% fuq dan il-Proġett li kellu spiża totali ta' €87,590.00.

## *1.2 PROĠETT TAL-MINI FI TRIQ TAL-BARRANI*

Hekk kif kien ippjanat, ix-xogħol fuq il-proġett tal-Mini fi Triq tal-Barrani beda din is-sena. Kif kien mistenni, l-impatt fuq il-Lokalita' ta' Santa Luċija kien wieħed qawwi. Il-Kunsill flimkien ma' Infrastructure Malta jinsabu f'kuntatt kontinwu biex jindirizzaw kull inkonvenjent b'aħjar mod possibli għal benefiċċju tar-residenti. Il-Kunsill ħa ħsieb li jara lis-siġar li nqagħlu minħabba dan il-proġett reġgħu ġew transplantati fil-lokalita' u ġew miżrugħa aktar siġar f'diversi nħawi fosthom fl-iSculpture Garden u l-Picnic Area. Ġie introdott *shuttle service* li jaħdem b'rotta ċirkulari bejn Santa Luċija, Raħal Ġdid u Hal Tarxien bil-għan li jiffaċilita' l-aċċessibilita' minn u lejn dawn il-lokalitajiet ġirien. Infrastructure Malta ħadet ħsieb ukoll li tagħmel diversi inizjattivi temporanji għal *traffic management* aħjar f'din is-sitwazzjoni.

## 2. XOGĦOL TA' *UPGRADING* U MANUTENZJONI

### *2.1 Tindif u manutenzjoni intensiv ta' gutters fi Triq Prinjoli*

Din is-sena l-Kunsill wettaq tindif intensiv u manutenzjoni fuq *gutter* fi Triq il-Prinjoli. Dan ix-xogħol twettaq mill-ħaddiema tal-Gvern fid-Dipartiment tax-Xogħolijiet u Nfrastruttura. L-ispiża nvoluta laħqet is-somma ta' €4286.80 u kienet tinvolvi it-tindif tal-*gutter* u alterazzjonijiet biex setgħu jiġu nsallati gradilji tal-ħadid biex l-ilqugħ tal-ilma tax-xita jkun wieħed aktar effettiv. L-ispiża fuq dan ix-xogħol ser titħallas minn Infrastructure Malta. Bħalissa qed isir manutenzjoni fuq il-kaptelli li hemm fuq il-bankina f'Dawret it-Torri liema spiża ser titħallas ukoll minn Infrastructure Malta.

### *2.2 Manutenzjoni u upgrading ta' ġonna u pjazez*

Ix-xogħol fuq il-ġonna, *playing field* u pjazez tista tgħid ma jaqta` xejn tul is-sena kollha. F'Misraħ Dorell sar xogħol ta' *refreshing* tal-art b'żebgħa ħamra, sar żbir intensiv ta' siġar u twaħħlu lampi ġodda. F'dan il-Misraħ ġew installati Smart Bins kif ukoll saru *floodlights* quddiem il-ħwienet. Fl-*area* miftuħa ta' ħdejn il-Football Ground sar xogħol ta' żebgħa dekorattiva fuq il-bankijiet mill-ħaddiema tal-FTZ. Fl-istess *area* sar ukoll xogħol ta' manutenzjoni fuq passaġġi bil-*crazy paving*.
Fil-*playing field area* dawn il-ħaddiema wettqu xogħol ta' restawr tal-bankijiet tal-injam u għamlu xogħol ta' manutenzjoni fuq il-*playing field equipment* kollu. Il-Kunsill ser ikun qed jibdel is-*safety flooring* li hemm f'dan il-*playing field* b'wieħed ġdid. Dan il-proġett ser ikun iffinanzjat mill-fondi tar-Reġjun Nofsinhar.

Din is-sena tlesta x-xogħol fuq l-installazzjoni ta' Three Phase Cable fi Ġnien is-Serenita'.

### *2.3 Żamma ta' Toroq*

Matul is-sena l-Kunsill wettaq xogħol intensiv fuq żamma ta' toroq li jinkludi r*efreshing* u *upgrading* ta' sinjali tat-toroq li jsir mill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill li jinkludi wkoll *minor patching works.* Saret manutenzjoni estensiva fuq tabelli, sinjali u mirja tat-traffiku. Il-Kunsill ħa ħsieb ukoll jinstalla diversi *bollards* u *bins* ġodda.

### *2.4 Xogħol mill-Awtorita' tad-Djar fuq binjiet tal-appartamenti tal-Gvern*

Din is-sena l-Awtorita' tad-Djar kompliet bix-xogħol ta' rinovazzjoni ta' binjiet tal-Gvern fi Triq Gardenja. Ħarġet ukoll skema fuq manutenzjoni tal-komun tal-binjiet tal-Gvern b'*budget* ta' €18,000.00. Il-Kunsill bi pjaċir jinnota li l-Awtorita' tad-Djar ser tkun qed twettaq proġett ta' tisbieħ madwar l-binjiet R, S u U. Dan il-proġett ser jiswa bejn €600,000.00 u t-€800,000.00. L-Awtorita' tal-Ippjanar diġa ħarġet il-permessi neċessarji għal dan l-iżvilupp.

### *2.5 Upgrading tal-irħam tat-tarag f' Dawret it-Torri u fl-Entratura tal-Uffiċċju tal-Kunsill*

l-irħam tat-taraġ f'Dawret it-Torri sar mill-ġdid minħabba li dan kellu ħsarat konsiderevoli. L-istess sar fit-taraġ fid-daħla tal-Uffiċċju tal-Kunsill.

## 3. IT-TMIEN LEĠISLATURA TAL-KUNSILL TA' SANTA LUĊIJA

F'Mejju 2020 saru l-elezzjonijiet għall-Gvern Lokali u f'Ġunju 2020 ġie elett Kunsill ġdid. Il-Kunsill il-ġdid ta' Santa Luċija f'din it-Tmien Leġislatura għandu dawn il-membri:

Charmaine St John: Sindku
Frederick Cutajar: Viċi Sindku
Terrence Ellul: Kunsillier
Kylie D'Amato: Kunsilliera
Liam Sciberras: Kunsillier

Ġew assenjati responsabbiltajiet lill-membri tal-Kunsill kif ġej:

| | |
|---|---|
| L-Indafa | Frederick Cutajar |
| L-Ambjent | Charmaine St John |
| Iż-Żgħażagħ u Tfal | Kylie D'Amato |
| Sports u Attivitajiet Fiżiċi | Terrence Ellul |
| L-Innovazzjoni | Terrence Ellul |
| L-Infrastruttura | Charmaine St John |
| Proġetti | Charmaine St John |
| L-Anzjani | Charmaine St John |
| L-Edukazzjoni | Liam Sciberras |
| Il-Kultura | Frederick Cutajar |
| Komunitajiet | Terrence Ellul |
| Il-Qasam Soċjali | Terrence Ellul |
| L-Integrazzjoni Soċjali | Liam Sciberras |
| Il-Ħarsien tal-Annimal | Kylie D'Amato |

Minbarra dawn ir-responsabbilitajiet is-Sindku iddelegat responsabbiltajiet addizzjonali skond il-bżonn tal-lokalita' u l-komunita' ta' Santa Luċija.

Rapport tal-ħidma marbuta ma' dawn ir-responsabbiltajiet tlesta mill-Viċi Sindku u Kunsilliera u qiegħed jiġi anness ma' dan ir-rapport amministrattiv.

## 4. EUROPE FOR CITIZENS

### 4.1 *Proġett Crossover*

Il-Kunsill huwa *Partner* f'dan il-proġett li għandu l-għan li jimmotiva aktar ċittadini tal-Unjoni Ewropea biex jippartecipaw aktar f'deċizzjonijiet dwar *policies* tal-Unjoni Ewropea.

Matul is-sena 2019 saru zewġ avvenimenti marbuta ma' Proġett ieħor taħt il-Europe for Citizens bl-isem ta' Crossover. Il-Kunsill bagħat rappreżentanti tiegħu għal dawn l-avvenimenti li saru f'Zagreb fil-Croatia u f'Budapest.

### 4.2 *Proġett Evoke*

Il-Kunsill ipparteċipa wkoll bħala *Partner* fuq proġett ieħor li sar f'Castiglione di Teverina, fil-provinċja ta' Viterba fl-Italja. Il-Proġett Evoke – European Volunteering is the Key of Evolution jittratta s-suġġett tal-volontarjat u waqt dan l-avveniment il-Kunsill ippreżenta Power Point Presentation dwar is-sitwazzjoni f'Malta.

## 5. INIZJATTIVI INDIRIZZATI LEJN IL-KOMMUNITA'

### 5.1 *Ġieħ Santa Luċija*

Fl-okkazzjoni tal-festa ta' Jum Santa Luċija l-Kunsill ta l-unur ta' Ġieħ Santa Luċija lis-Sinjura Caroline Galea u s-Sur Joe Bonello ex-Kunsilliera ta' Santa Luċija. Din is-sena l-premju Ċittadin Onorarju ingħata Dr SHI Jiangfeng.

Dawn l-unuri ġew ippreżentati waqt quddiesa ta' ringrazzjament li saret fil-Knisja Parrokjali San Piju X fis-7 ta' Lulju 2019

### 5.2 *Kunċert Fewġa Klassika*

Nhar it-Tlieta 10 ta' Settembru 2019 ittella' kunċert bl-isem ta' Fewġa Klassika – kunċert ta' mużika orkestrali u vokali mis-St Paul Chamber Ensemble. Dan il-kunċert sar b'risq id-Dar tal-Providenza u nġabret is-somma ta' €570.00. l-Awtorita' ta' Malta Għat-Turiżmu sponsorjat dan il-Kunċert.

### 5.3 *Kunċert tat-Tfal mill-Kor Angelic Voices*

Nhar il-Ġimgħa 20 ta' Settembru 2019 ittella kunċert bl-isem ta' Kanzunetti Popolari Maltin li sar b'kollaborazzjoni bejn kor Angelic Voices u l-band Bernie and Pod. Dan il-Kunċert li sar fi Ġnien is-Serenita' sar b' fondi tar-Reġjun Nofsinhar. Matul dan il-Kunċert inġabru fondi b'risq Marigold Foundation.

### 5.4 *Clean up Day*

Nhar is-Sibt 21 ta' Settembru 2019 il-Kunsill ta' Santa Luċija organizza Cleanup Day bil-kollaborazzjoni ta' Santa Luċija Football u Supporters Club, Santa Luċija Girl Guides, Santa Luċija Parish Church, Right to Smile u Santa Luċija Youth Club. Din l-attivita' saret b'fondi tad-Direttorat Għall-Gvern Lokali fuq skema maħruġa għal dan il-għan.

### 5.5 *Kunċert tal-Milied*

Din is-Sena l-Kunsill ta bidu għall-festi tal-Milied b'Kunċert tal-Korijiet bil-parteċipazzjoni tal-Angelic Voices u Joy Gospel Singers flimkien mal-Hillon String Quartet. Mistieden speċjali kien il-kantant minn Santa Luċija Laurence Gray. Dan il-Kunċert sar taħt il-Patroċinju tal-E.T. il-President ta' Malta

it-Tabib George Vella. Waqt il-Kunċert saret ġabra b'risq il-Community Chest Fund u nġabret is-somma ta' €1090.00. Dan il-kunċert sar b'fondi tal-Lesa.

### *5.5 Tiżjin ta' Toroq bi dwal fi żmien il-Milied u l-Ġimgħa l-Kbira*

Bħal kull sena l-Kunsill ħaseb biex fil-ġranet tal-festi tal-Milied jinxtegħlu u jiżżejnu toroq b'dawl dekorattiv. Din is-sena l-Kunsill żied b'mod sostanzjali l-ispiża biex setgħu jinxtgħelu toroq residenzjali u tinħoloq atmosfera addattata għal dan iż-żmien ta' festi.

Fil-festa tal-Ġimgħa l-Kbira l-Kunsill iżejjen bix-xemgħat iz-zuntier u t-toroq prinċipali minn fejn tgħaddi l-purċissjoni.

### *5.6 Ħarġiet u inizjattivi oħra organizzati matul is-sena*

Matul din is-sena 2019 ġew organizzati dawn il-ħarġiet u attivitajiet:

- Santa Luċija is Living Healthy
- Ħarġa ta' Ġurnata Għal Għawdex
- Lezzjonijiet tal-*Crafts*
- Ħajja Aħjar Permezz ta' Eżerċizzju Fiżiku
- Ħarġa Kulturali Għal Kulħadd – Tempji ta' Ħaġar Qim
- Parteċipazzjoni fl-Inizjattiva Young Warriors
- Party tat-Tfal għall-Milied

## 6. AMMINISTRAZZJONI

L-Amministrazzjoni tal-Kunsill li taqa' taħt ir-responsabbilta diretta tas-Segretarju Eżekuttiv li hija wkoll responsabbli minn finanzi tal-Kunsill, ħadet ħsieb il-kordinazzjoni u l-implimentazzjoni tal-ħidma kollha li wettaq il-Kunsill matul is-sena.

Fis-sena 2019 saru 15 'il laqgħa tal-Kunsill li kienu *live streamed* għall-pubbliku. Matul dawn il-laqgħat tressqu rapporti finanzjarji ta' kull kwart tas-sena li jitqiesu bħala mezz ta' kontrol fuq il-finanzi tal-Kunsill u li minnhom irriżulta li l-qagħda finanzjarja tal-Kunsill hija waħda stabbli. Saru wkoll żewġ Laqgħat tal-Lokalita'. Fil-Laqgħa tal-Lokalita' li saret fit-12 ta' Jannar 2019 ġew ippreżentati Rapport Amministrattiv għas-sena 2019 u Pjan ta' Ħidma għas-Sena 2019. Fil-Laqgħa tal-Lokalita' li saret fis-16 ta' Diċembru 2019 tressqu l-Estimi Finanzjarji għas-sena 2020.

Din is-sena saret ukoll Laqgħa Pubblika fit-3 ta' Ottubru 2019 fejn ġie ippreżentat Pjan ta' Ħidma u saret diskussjoni dwaru.

Apparti mis-Segretarju Eżekuttiv, bħala staff, l-amministrazzjoni tal-Kunsill fil-preżent għandha Assistent Prinċipal u Uffiċċjal Eżekuttiv li jaħdmu *full-time* u żewġ *Office Assistants* li huma mpjegata *full-time, waħda* taħt l-Iskema CIES u l-oħra taħt l-iskema CWSEF.

### *6.1 Survey dwar l-Isparar tal-Festi*

Din is-sena il-Kunsilli ikkommissjoni ditta privata biex twettaq *survey* dwar l-isparar tal-festi. L-andament ta' dan is-*survey* intbagħt lill-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

### *6.2 Din is-sena ngħataw dawn il-Kuntratti ġodda wara sejħiet li saru fuq l-epps:*

- **Kuntratt SLLC PC(57-19-1) –Żamma u Manutenzjoni ta' Latrini Publiċi f'Santa Luċija bl-Użu ta' Prodotti u Servizzi Favur l-Ambjent**
- **Kuntratt SLLC BR(57-19-02) Provvediment ta' Ġbir ta' Skart Goff B'Vettura b'emissjonijiet baxxi, għall-Kunsill Lokali Santa Luċija**
- **Kuntratt SLLC SS(57-19-03)- Knis ta' Toroq b'użu ta Vettura ta Servizz b'emissjonijiet baxxi - Kunsill Lokali Santa Lucija**
- **Kuntratt SLLC(RMFP) (57-19-04) – Xogħolijiet ta' Manutenzjoni ta' Toroq - Kunsill Lokali Sana Luċija**
- **Kuntratt SLLC SF(57-19-05) – Provediment u twaħħil ta Safety Flooring għall-bandli - Kunsill Lokali Santa Luċija**
- **Kuntratt SLLC CM(57-19-07) – Provediment ta' Servizz Professjonali ta' Contract Manager – dan il-Kuntratt għadu f'fażi ta' Evalwazzjoni.**

### *6.3 Servizzi mill-uffiċċju tal-Kunsill*

Matul is-sena ingħataw dawn is-servizzi mill-uffiċċju tal-Kunsill:

- *Live streaming* tal-laqgħat tal-Kunsill.
- Jintlaqaw ilmenti mir-residenti fir-rigward ta' responsabbiltajiet li jaqgħu direttament taħt il-Kunsill Lokali kif ukoll dawk ta' entitajiet governattivi oħra li jiġu mgħoddija bis-sistema tas-servizz.gov.mt.
- Tqassim ta' boroż għal skart riċiklabbli.
- Tqassim ta' *bins* għal skart organiku taħt l-inizjattiva Sort it Out
- Kordinazzjoni tal-attivitajiet kollha tal-Kunsill inkluż dawk relatati mat-Tilqima kontra l-Influenza.

- Kordinazzjoni ta' attivitajiet edukattivi soċjali u dawk li marbutin mas-saħħa li jsiru minn entitajiet ikkonċernati. Dawn jinkludu fost oħrajn il-programm Read with Me, il-programm Piż Tajjeb Tul Hajtek, lezzjonijiet tal-Crafts kif ukoll taħdidiet dwar is-saħħa li jsiru minn żmien għal żmien.
- Kordinament tal-inizjattiva tal-Awtorita' tad-Djar dwar il-manutenzjoni tal-komun tal-binjiet tal-Gvern.
- Ħruġ ta' Avviżi relatati mal-attivitajiet u inizjattivi tal-Kunsill.
- Ħlasijiet tal-kera tal-appartamenti, djar u garaxxijiet/ħwienet mikrija minn għand il-Gvern.
- Ħlasijiet ta' ċitazzjonijiet u permessi.
- Applikazzjonijiet għal Heritage Passport lir-residenti 60+

### 6.4 *Partecipazzjoni u Fondi minn Skemi tad-Direttorat Għal Gvern Lokali*

Il-Kunsill applika għal fondi taħt dawn l-iskemi

| Numru tal-Iskema | Isem tal-Iskema | Fondi mogħtija | Proġett |
|---|---|---|---|
| Skema SPI 12-2018 | Skema Finanzjarja favur il-Kommunita'- Ħajja Aħjar b'Eżerċizzju Fiżiku u Sport | €1,500.00 | *Membership* għal sena (24/7) fil-Fitness Club għal persuni ta' 60+ |
| Skema SPI 5-2019 | Kompetizzjoni Rebbiegħa fil-Kommunita' | €3,000.00 | Premju fit-Tieni post |
| Skema SPI 7-2019 | Finanzjament Proġetti Kapitali – Apparat għal Sistemi ta' Irrigazzjoni | €19,420.61 | Sistema ta' Irrigazzjoni fil-Picnic Area u Sculpture Garden |
| Skema SPI 9-2019 | LC Care Project – Skema ta' Finanzjament għall-Kura tal-Annimali fil-Kommunita' | €8,000.00 | Skema ta' xiri ta' apparat u *vouchers* għal *cat feeders* fil-Lokalita' |
| Skema SPI 10-2019 | Skema Finanzjarja Żvilupp ta' Libreriji Lokali | €4,946.00 | Rinovazzjoni tal-Librerija Pubblika Lokali u xiri ta' apparat. |
| Skema SPI 13-2019 | Clean up Day | €750.00 | Tindif ta' numru ta' siti fil-lokalita' |

***Approvat illum: 25 ta' Marzu 2020***

Caroline Silvio
Segretarju Eżekuttiv

Charmaine St John
Sindku

**Kunsill Lokali Santa Luċija**

**It-Tmien Leġislatura**

**Isem:** **Charmaine St John**

**Kariga:** **Sindku**

**Responsabilitajiet: Ambjent, Infrastruttura, Proġetti, Anzjani**

Rapport li jkopri l-perjodu minn Ġunju 2019 sa April 2020

Dan ir-rapport jelenka l-ħidma tiegħi bħala Sindku fil-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija

## Ambjent

Matul is-sena ikkordinajna ma' Grow 10 trees u żrajna 'il fuq minn 100 siġra ġo Ġnien is-Serenita.

Flimkien ma' Infrastructure Malta ftehmna biex nħawwlu mijiet ta' siġar madwar Santa Luċija.

Ikkordinajna ma' Infrastructure Malta għall-'promenade' ġdida ma' Triq Dawret it-Torri, u Triq Prinjoli wara li jitlesta il-proġett tal-mini fi Triq tal-Barrani.

Fuq talba tiegħi Infrastructure Malta aċċettaw li l-Jogging Track sa jkun imkabbar (sa fejn kwazi il-klabb tal-boċċi) jiġifieri tlett mitt metru itwal minn dak oriġinali.

Flimkien ma' Parks Malta ġew restawrati iċ-ċnut tal-kanali f'Wied Garnaw.

Organizzajna 'clean up day' bil-kollaborazzjoni tal-Girl Guides, Football and Supporters Club, Parish Church, Right to Smile u Santa Luċija Youth Club.

## L-Infrastruttura

Din is-sena Santa Luċija ġiet intuzata bħala main artery għall-proġett tal-mina. Ikkordinajna ma' Infrastrucuture Malta li ta' dan se jkunu qed jagħmlu Promenade bil- *Bicycle track* u *walking track.* Dan il-proġett ser jinkludi ukoll dog park. .

Toroq li saru fis-sena 2019 kienu:

Trejqet Garnaw

Triq il-Ġiżimin

Triq Żnuber

Biddilna ħafna spralel li kienu fi Triq Ġuljetta Lopez, u Triq Dawret it-Torri. Tnaddfu ukoll il-gutters ta` Triq il Prinjoli, u biddilna il-*gradilji.*

Applikajna għall- permess biex intellaw sular fuq il-berġa ta' Vjal Oleandri.

Irrangajt il-*gutters* ta' Triq Pensjeri, u ukoll Trejqet il-Ġirasol.

Għamilna zebra crossing ġdida f'Triq il-Peprin.

Ġie irranġat il-ħajt tal-Picnic Area.

Għamilna rampa fi Pjazza Dorrell.

Irranġajna l-*'crazy paving'* ta' ħdejn il-*Football Ground*.

Irrangajna rampa Triq iż-Żnuber.

**Proġetti**

Wieħed mill-proġetti li qed naħdem fuqu huwa dal tal-Community Centre. Iltqajt ma diversi ministeri biex nara kif nista nġib il-fondi għal dan il-proġett.

Xtrajna CCTV cameras ġodda. Dawn twaħħlu ġo Triq Begonja, Triq Ineż Soler, u Wied Garnaw u se jkunu qegħdin monitored minn LESA.

Ġie mibdul il-safety flooring tal-bandli.

Bdejna naħdmu fuq il-proġett ta' *upgrading* tal-*basketball court.*

Għamilna flood lights u fanali ġodda ġo Misrah Dorell.

Għamilna *refurbishing* tal-library, b'għamara ġdida, u anke xtrajna *'Virtual Reality'* biex jkunu jistgħu jgawdu minnha t-tfal ta' Santa Luċija.

Ikkordinajna ma' OZO u tajna servizz ta' tindif għall-komun tal-blocks tal-Gvern kollha ta' Santa Luċija.

Ġiet inbajda l-berġa kif ukoll imnaddfa tajba.

Irranġajna biex jigi trakk tal-wasterserv darba fix-xahar biex jaqdi r-residenti.

**L-Anzjani**

Organizzajt diversi ħarġiet, fosthom:

1.Għawdex

2. Esplora

3. Haġar Qim

Offrejna free gym membership classes għall-anzjani.

Organizzajt kors tal-krafts.

Organizzajna diversi laqgħat mal-Primary Health Care fuq is-saħħa, fosthom fuq id-diabetes, cancer screening u artrite.

Għamilna ukoll kors 'Programm ta' telf ta' piż żejjed. Dan kien jinvolvi taħdidiet kif ukoll eżercizzji.

Bil-kollaborazzjoni ta' Infrastructure Malta ipprovdejna servizz ta' 'shuttle bus' li jwassal l-anzjani Raħal Ġdid u Hal-Tarxien b'xejn.

Offrejna servizz ta' tilqim kontra l-influenza.

Teambuilding mal-kollegi l-oħra tal-Kunsilli Lokali organizzata mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali fejn bi pjaċir nghidu li t-*team* tagħna flimkien mal-Kunsill tas-Siġġiewi ħadna l-ewwel premju.

Charmaine St John
Sindku
Kunsill Lokali Santa Luċija

**Kunsill Lokali Santa Luċija**

**It-Tmien Leġislatura**

**Isem:** **Frederick Cutajar**
**Kariga:** **Viċi Sindku**
**Responsabilitajiet: Kultura, Indafa, Ġnien is-Serenita' u Spazji Miftuħa**

Rapport li jkopri l-perjodu minn Ġunju 2019 sa April 2020

Dan ir-rapport jelenka l-ħidma tiegħi bħala Viċi Sindku ta' Santa Luċija

**Kultura**

***Europe for Citizens***

Matul is-sena 2019 kont parti minn delegazzjoni tal-Kunsill li ipparteċipa bħala *partner* fi proġetti bl-isem ta' Crossover li saru f'Zagreb u f'Budapest. Ipparteċipajt ukoll fi proġett bl-isem ta' Evoke dwar il-volontarjat li sar f'Castiglione di Teverina fl-Italja.

***Kunċerti***

Il-Kunċert bl-isem ta' **Fewġa Klassika** mill-Orkestra St Paul Foundation kellu jsir fi Ġnien is-Serenita fl-10 ta' Settembru 2020. Minħabba l-maltemp dan il-kunċert kellu jsir fil-Knisja Parrokjali San Piju X. Minkejja dan xorta waħda kien hemm udjenza tajba u dan il-kunċert, li sar b'risq id-Dar tal-Providenza, kien suċċess. Dan il-kunċert kien sponsorjat mill-Awtorita Maltija għat-Turiżmu.

Il-Kunċert bl-isem ta' **Kanzunetti Popolari Maltin** li sar fl-20 ta' Settembru 2019 kien suċċess bis-saħħa ta' ħafna nies. Għal dan il-kunċert attendew aktar minn 400 ruħ. Grazzi lill-mużiċisti eċċezzjonali li ħadu sehem: Bernie and Pod, Ivan Farrugia, Bernard Bonnici, Duncan Borg, Roberta Schembri, Allen Gatt u Patrick Abela. Ħadu sehem wkoll il-Kor Angelic Voices, immexxi minn Anne Marie Agius. Waqt il-kunċert kienet saret ġabra għal Fondazzjoni Marigold.

Kunċert ieħor li sar fl-14 ta' Diċembru 2019 kien **Kunċert tal-Korijiet** li ta bidu għall-festi tal-Milied. F'dan il-kunċert ipparteċipaw iż-żewġ korijiet ta' Santa Luċija, il-Joy Gospel Singers u Angelic Voices flimkien mal-Hilton String Quartet, bil-parteċipazzjoni tal-kantant Lawrence Gray. Dan il-kunċert sar taħt il-patroċinju tal-Presidenti ta' Malta l-Eċċellenza Tiegħu it-Tabib George Vella. Matul dan il-kunċert saret ġabra, b'risq il-Community Chest Fund.

***Attivita'***

Attivita' oħra li saret fix-xahar ta' Jannar 2020 ġiet ikkordinata bejn il-Kunsill ta' Santa Luċija u ċ-Ċentru Kulturali Ċiniż. Għal din l-attivita' li kienet iġib l-isem ta' Chinese Temple Fair attendew aktar minn elf ruħ.

***Responsabilita fuq Skema għall-fondi***

Inizjattiva oħra li kont involut fiha hija applikazzjoni għal fondi taħt skema tal-SPI bl-isem ta' Finanzjarment Proġetti Kapitali – Apparat għal Sistemi ta' Irrigazzjoni. Din l-applikazzjoni ġiet aċċetata u l-Kunsill ingħata s-somma ta' €19,420.61 biex iwettaq dan il-proġett.

***Indafa***

Kont membru fuq il-Kumitat ta' Evalwazzjoni fuq il-Kuntratti marbuta mal-Indafa fosthom il-kuntratt għal tindif u manutenzjoni ta' latrini pubbliċi u kuntratt tal-knis ta' toroq.

**Kordinament ta' xogħolijiet mill-Ħaddiema tal-Fondazzjoni għall-Iżvilupp ta' Żoni Turistiċi**

Saret trinka u tqiegħed *three phase cable* fi Ġnien is-Serenita'

Sar xogħol ta' manutenzjoni fuq l-*area* tal-bandli u l-area ta' madwar il-Football Ground.

Sar ukoll xogħol ta' manutenzjoni fi Pjazza Dorell

Frederick Cutajar
Vici Sindku
15-04-2020

**Isem: Terrence Ellul**

**Kariga: Kunsillier**

**Responsabilitajiet: Sports u Attivitajiet Fiżiċi, l-Innovazzjoni, Kommunitajiet, il-Qasam Soċjali**

**Sports u Attivitajiet Fiżiċi**

Organizzajna *free membership* ġol-*gym* ta' Santa Luċija għan-nies over 60.

Ikkordinajt mal-Primary Health Care biex joffru kors 'Hajja Aħjar Permezz ta' Eżerċizzju Fiżiku'.

Flimkien mal-Football club ta' Santa Luċija organizzajna *team presentation event.*

Ikkordinajna flimkien biex il- Football Club ikun jista juża t-Tearoom ġol-Ġnien is-Serenita' biex issiru teamtalks etc...... Dan qed isir bla ħlas.

Ipparteċipajna fl-inizjattiva Young Warriors ġo Ta' Qali. Dan serva bħal *team building* għar-residenti.

Ikkordinajna ma' Infrastructure Malta biex inkabbru l-Jogging Track u komplejna nitkellmu fuq il-proġett tal-Promenade.

B'kollabarazzjoni mal-Football team saru dawn l-attivitajiet:

Majjalata

Pasta night

**L-Innovazzjoni**

Organizzajt xemgħat forma ta' salib fuq it-taraġ tal-knisja għall-festa tal-Ġimgħa l-Kbira.

Organizzajt Clean Up Day flimkien ma' diversi organizzjonijiet ta' Santa Luċija.

Dawn saru kollha bl-għajnuna tal-Kolleggi, s-Sindku u l-Kunsilliera biex b'hekk ikunu qed naħdmu flimkien għal ġid tal-Lokalita' tagħna.

**Terrence Ellul**

**Kunsillier Kunsill Lokali Santa Luċija**

**Kunsill Lokali Santa Luċija**

**It-Tmien Leġislatura**

**Isem:** Kylie D'Amato
**Kariġa:** Kunsilliera
**Responsabilitajiet:** Kultura, Żagħżagħ u Tfal, Ħarsien tal-Annimali, Proġetti tal-EU, Persuni b'Diżabilita' u Librerija

Rapport li jkopri l-perjodu minn Ġunju 2019 sa April 2020

Dan ir-rapport jelenka l-ħidma tiegħi bħala Kunsilliera fil-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija

**<u>Kultura</u>**

Flimkien mal-Viċi Sindku s-Sur Frederick Cutajar tajt kontribut biex ġew organizzati:

- Kunċert mużikali bl-isem ta' **Fewġa Klassika** li sar b'risq id-Dar tal-Providenza.

- **Kunċert tal-Milied** li sar taħt il-Patroċinju tal-President ta' Malta l-Eċċellenza Tiegħu Dr George Vella. Dan il-Kunċert sar b'risq il-Community Chest Fund.

- **Chinese Temple Fair** li ttellgħet fix-xahar ta' Jannar 2020 bil-kollaborazzjoni taċ-Ċentru Kulturali Ċiniż u l-Malta Tourism Authority fejn ikkordinajt il-parteċipazzjoni tal-Girl Guides f'din l-attivita'

- Applikazzjoni taħt skema ta' restawr ta' monumenti

Tajt kontribut ukoll biex fix-xahar ta' Settembru 2019 ġie organizzat Kunċert mużikali – **Kanzunetti Popolari Maltin** bil-parteċipazzjoni tal- Bernie and Pod, Ivan Farrugia, Bernard Bonnici, Duncan Borg, Roberta Schembri, Allen Gatt u Patrick Abela. Ħadu sehem wkoll il-Kor Angelic Voices, immexxi minn Anne Marie Agius. Waqt il-kunċert kienet saret ġabra għal Fondazzjoni Marigold.

**<u>Żgħażagħ u Tfal</u>**

F'Novembru 2019 ikkordinajt il-parteċipazzjoni tal-Girl Guides u l-Fondazzjoni Right to Smile fl-attivita' Young Warriors.

Ressaqt il-proposta biex parti miċ-ċanet tal-ħamrija fi Pjazza Dorell ikunu taħt ir-responsabbilta' tal-Girl Guides.

Tajt il-kontribuzzjoni tiegħi biex ġiet organizzata attivita' għat-tfal fil-ġranet tal-Milied.

Flimkien mas-Sindku s-Sinjura Charmaine St John ġiet organizzata **Easter Egg Hunt** li minħabba l-Pandemija tal-Covid 19 kellha issir *online* fejn tfal issottomettew tpinġija bit-tema Yousafe.

Ħadt sehem fil-**Clean Up Day** flimkien ma' ħafna żgħażagħ minn diversi għaqdiet minn Santa Luċija

**<u>Ħarsien tal-Annimali</u>**

Fix-xahar ta' Ġunju 2019 ħdimt fuq applikazzjoni għal fondi taħt skema għal Ħarsien tal-Annimali – LC Care Project Grant Support Scheme. Il-Kunsill ingħata grant ta' €8000.00 biex jimplimenta din l-skema. Jiena flimkien mal-Kunsillier Liam Sciberras qed nikkordinaw l-implementazzjoni ta' din l-iskema.

**<u>Proġetti tal-EU</u>**

Ħadt sehem f'konferenza li jġib l-isem ta' **Evoke** – taħt il-programm **Europe for Citizens** li sar f' Castiglione di Teverina fl-Italja. Waqt din il-konferenza ippreżentat Power Point Presentation li kellha it-tema: Solidarity in Time of Crisis' Poverty & Cultural Deprivation.

**<u>Persuni b'Diżabilita'</u>**

Bil-kollaborazzjoni tal-CRPD inġabret data mingħand persuni b'diżabilita' li wrew interess għas-sejħa tal-Kunsill biex jiġbor id-dettalji tagħhom bil-għan li jkun jista jikkomunika aħjar ma' dawn il-persuni u jifhem il-bżonnijiet tagħhom

**<u>Libreriji</u>**

Kordinament biex saret applikazzjoni għal fondi taħt skema li ħarġet f'dan ir-rigward. Il-Kunsill ingħata fondi taħt din l-iskema li ser twassal biex jiġi organizzata aktar attivitajiet marbuta mal-qari immirati lejn residenti ta' kull eta.

**<u>Ħidma oħra</u>**

F'Lulju 2019 ħadt sehem fi Training Session għall-Kunsilli Lokali
F'Settembru 2019 attendejt għal Malta Local Government Conference 2019.

F'Settembru attendejt għal taħriġ u ksibt ċertifikat – Local 4 Green Project

Flimkien mas-Sindku u l-Kunsillier Terrence Ellul tajt kontribut biex sar tiżjin bix-xemgħat fi żmien il-Ġimgħa l-Kbira u waqt l-attivita' Earth Hour

F'Ottubru 2019 ipparteċipajt fil-Laqgħa Plenarja organizzata mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali

Ipparteċipajt f'diversi attivitajiet organizzati mill-Kunsill fosthom Ħarġa Għal Għawdex, Ħarġa għall-Anzjani fl-Esplora, Ħarġa Kulturali li saret f'Novembru 2019.

Kylie D'Amato
Kunsilliera
Kunsill Lokali Santa Lucija

**Rapport ta' Dekasteri Mejju 2019- Mejju 2020**

Bħala Kunsillier u Minority Leader fil lokalita ta Santa Lucija li ġejt ri-elett għat tieni darba nhar il 25 ta' Mejju 2019, flimkien mas-Sinjura Sindku u l kumplament ta sħabi Kunsilliera, ġejna mqassma numru ta dekasteri. Lili kien imiss li namministra dawn id-dekasteri:

1. L-edukazzjoni;
2. L-integrazzjoni socjali.

L-Edukazzjoni

Għalkemm huma dekasteri speċifikament mogħtija lili, bħal kull dekasteru ieħor, u flimkien ma' sħabi l kunsilliera, ngħinu lil xulxin sabiex intejbu l kwalita tas-servizz tagħna fil-lokalita. Mill-ewwel ġurnata li dħalt nerġa nagħti servizz lill-lokalita, ħassejt il-bżonn li nżid id-doza f'dak li diġa kont għamilt. Fil-kas tad-dekasteru tal-edukazzjoni, kont katalist fil-lokalita sabiex bl-aprovazzjoni tal-ex-Sindku Terrence Ellul, ħloqt il-ħolma tiegħi; servizz ta tagħlim bla ħlas lit-tfal kollha tar-rahal bla ebda kundizzjoni.

Dan il-proġett għadu *feasible* sal ġurnata preżenti, anke jekk bħalissa Pajjizna għaddej mill-Pandemija tal COVID-19, żgur li Right2Smile ser ikun dispost ma' l-ewwel ġurnata sabiex ikompli jagħmel dan il-ġest nobbli.

Personalment nemmen li l kunċett ta edukazzjoni mhux biss dak li nitgħallmu fil bank tal iskola, imma b'mod aktar importanti nsaħħu l idea ta' 'Life Long **SOCIAL** Learning'. Daħħalt il-kelma '**SOCIAL**' preċiżment għax nemmen li l-edukazzjoni tidħol f'kull ambitu tal-bniedem. Din id-darba ġejt avdat flimkien mall-kollega Kunsilliera Kylie D'Amato, sabiex naħdem fuq l-idea ta **Cat Café**. Dan il-proġett għandu jkun proġett mill-isbaħ, b gest altruwist fejn il *cat Feeders* tar-raħal jkollhom l-għajnuna finanzjarja sabiex ikomplu jieħdu ħsieb l annimali *stray*, idewwuhom, jisquhom u anke jitmawhom. S'issa għandna numru sabiħ ta' 'l fuq minn 10 *Cat Feeders* u zgur li min hu interessat jagħmel dan ix xoghol jikkuntatja l-Kunsill Lokali.

Inkluzjoni Socjali

li preżentament namministra flimkien mal-kumplament tal-kunsilliera, id-dekasteru tal inkluzjoni soċjali. Minn Jannar sa Marzu l Kunsill ħa ħsieb li jorganizza dawn l attivitajiet t'hawn that:

1. Chinese New Year – 19 ta Jannar 2020;
2. Ħarġa għall Anzjani Esplora – 28 ta' Frar 2020; u
3. Earth Hour – 28 ta' Marzu 2020.

**Chinese New Year**

L ewwel attivita, li hi Chinese New Year kienet inizjattiva li ssir kull sena tul dawn l ahhar snin li norganizzaw fil-Gnien Ciniz. F'din l-attivita, flimkien mal-kommunita Ciniza f'Malta nikkommemoraw din il ġurnata tant important għaċ-Cinizi. Din id darba, l-Kunsill għażel li jerġa jiftaħ din l attivita għar residenti tal Maltin. Anness hawn taht qed nitfa' stampi ta' din l attivita:






**Ħarġa għall Anzjani – Esplora**

It-tieni attivita li saret mill kunsill lokali hija din l ħarga ġewwa s-science park Esplora (Kalkara). Attivita oħra, li l-kunsill kollu b mod unanimu qabel sabiex tiġi organizzata għar-resident tagħna.

Attivita suċċess, fejn ir-residenti ta Santa Lucija ikkolaboraw b suċċess. Il-Kunsill qiegħed jaħseb sabiex jorganizza attivitajiet oħrajn simili bħal ma' diġa għamel fil-passat fosthom il-ħarġa fil-binja tal Parlament il Belt Valletta.



Finalment, nistedinkom sabiex tkomplu tagħmlu kuntatt miegħi fuq 79677005, sciberras.liam@gmail.com u anke fuq il mezzi soċjali (bħal Facebook).

Narakom

Dr Liam Sciberras

Kunsillier/Minority Leader